**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 20 ta' Lulju, 2016**

Numru 1

**Rikors Nru. 546/2016**

**Ganni Bonnici**

**vs**

**Fr. Marc Andrè Camilleri**
**fil-kwalita tieghu ta' Kappillan pro tempore**
**tal-Parocca ta' Rahal Gdid fl-isem l-istess Parrocca,**
**Dr Michelle Tabone**
**bhala ekonomu ta' Monsinjur Charles J. Scicluna,**
**Arcisqof Metropolita ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tar-rikorrenti tas-7 ta' Lulju 2016 maghmula a bazi tal-artikolu 6 u 8 tal-Kap. 488 u dan ghall-iskop li:

1. Tinhareg ordni biex jigi prevenut ksur lesiv ta' dritt intellettwali tar-rikorrenti;
2. L-intimati ma jimmodifikawx in-nicca ta' Kristu Re fl-imsemmija parrocca;
3. Idahhlu xi statwa ohra fin-nicca;
4. Izarmaw in-nicca;
5. Issir kwalsiasi tip ta' azzjoni li tikkawza hsara lin-nicca u l-istatwa ta' Kristu Re.

Ir-rikorrenti qed jikkontendu illi hu gie kommissjonat mill-parrocca ta' Rahal Gdid biex jaghmel abbozz ta' statwa titolari ta' Kristu Re u sussegwentement nicca ghaliha wara li d-disinn u l-abbozz tal-istatwa gew approvati mid-Djocesi, mill-parrocca u l-

Kummissjoni Arti Sagra tad-Djocesi. Hu fil-fatt lesta d-disinn u l-abbozz full size tal-istatwa li mbaghad ittiehdet l-Italja fejn giet skolpita l-istatwa fl-injam fl-1999. Izid li dan l-ahhar gie deciz illi tingieb statwa titolari gdida u l-istatwa minnu maghmula giet imnehhija min-nicca. Isostni li ghandu informazzjoni li l-istatwa l-gdida ser tigi akkomodata fin-nicca li ma takkomodahiex apparti li n-nicca saret appozitament biex takkomoda l-istatwa mertu ta' dan ir-rikors. Jekk tiddahhal l-istatwa l-gdida fin-nicca dan ser ikun detrimentali ghar-reputazzjoni u unur tal-awtur tax-xoghol artistiku a bazi tal-artikolu 12(1) tal-Kap. 415 li jipprotegi d-drittijiet tal-awtur. Isostni wkoll li jekk in-nicca, tigi mcaqalqa minn postha ghax ma takkomodax l-istatwa l-gdida jkollha tizzarma b'potenzjal ta' hsara u dan dejjem kontra l-artikolu 12(1) tal-Kap. 415.

Ir-rikorrenti jsostni li l-bazi tad-dritt tieghu jinsorgi mid-dritt morali li jgawdi bhala awtur ta' xoghol artistiku a bazi tal-artikolu 3(1)(a) u 12 tal-Kap. 415.

Dak li qed jitlob ir-rikorrenti f'dan l-istadju tal-proceduri huma l-ghoti ta' mizuri ta' preservazzjoni ta' provi a bazi tal-artikolu 6 tal-Kap. 488 u mizuri provizzjorji u protettivi a bazi tal-artikolu 8 tal-istess Kapitolu.

L-intimati jaqblu li r-rikorrenti gie kummissjonat biex jaghmel id-disinn tal-istatwa l-antika ta' Kristu Re u n-nicca liema nicca pero saret snin wara li saret l-istatwa. Bhala fatt l-intimati jsostnu li r-rikorrenti ma' gab ebda prova li xi dritt intellettwali tieghu gie jew ser jigi miksur, u ghalhekk mhemmx il-htiga ta' tharis tal-jeddijiet tar-rikorrenti.

L-intimati jopponu ghal dawn it-talbiet billi f'ittra responsiva tas-17 ta' Mejju 2016 wara l-ittra tar-rikorrenti tal-25 ta' April 2016, il-kappillan ta' Rahal Gdid iddikjara illi l-parrocca ma kellha ebda hsieb tagixxi kontra dak li jipprovdi l-Kap. 415. Huma jsostnu li l-ewwel talba hi generika u ma tistax issir talba ghal inibizzjoni simili. It-tieni talba hi antiguridika ghax l-intimati gia ddikjaraw illi bl-ebda mod mhux bi hsiebhom jimmodifikaw in-nicca, u in oltre in kwantu ghat-tielet talba l-intimati qatt ma ddikjaraw li ser idahhlu l-istatwa l-gdida fin-nicca disinjata mir-rikorrenti, ghalkemm isostnu li ghandhom dritt idahhlu statwi ohra, jew affarijiet ohra tal-knisja billi dan ma jmurx kontra l-ligi. Ir-raba' talba hi wkoll irrita billi l-parrocca qatt ma ddikjarat li bi hsiebha

izzarma n-nicca izda minhabba xoghlijiet ta' tisbih tal-knisja u l-kobor tan-nicca jehtieg tigi spostata. Il-hames talba bhall-ewwel talba hi generika u wiesa wisq u ma tistax tintalab inibizzjoni simili, ghax jekk milqugha, kwalsiasi forma ta' kuntatt mal-istatwa u n-nicca jista' jwassal ghad-disprezz tal-awtorita tal-Qorti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-intimati ressqu eccezzjoni preliminari fis-sens illi l-proceduri huma nulli ghax skond l-artikolu 6(3) ir-rikorrenti ghandu jipprezenta tassattivament assikurazzjoni ghal kumpens talvolta dovut lil intimati jekk it-talbiet tieghu jirrizultaw infondati. Din l-eccezzjoni hi bla mertu ghax l-artikolu in kwistjoni jippostula garanzija skond mal-Qorti tordna. F'dan il-kaz il-Qorti ghadha ma ordnat ebda garanzija u ghalhekk tali eccezzjoni hi bla fundament legali u qed tigi michuda.

L-intimati ressqu wkoll eccezzjoni ohra preliminari fis-sens li l-intimati mhux legittimi kontraditturi fil-vesti personali kif imharrka. Gie verbalizzat mir-rikorrenti li l-intimati ma gewx imharrka fil-vesti personali u saret il-korrezzjoni u kjarifika fl-okkju. Ghalhekk din l-eccezzjoni giet sorvolata.

Fil-mertu din il-Qorti tqis illi t-talbiet ghal hrug ta' mizuri protettivi u provvizjorji u preservazzjoni tal-provi a bazi tal-artikolu 6 u 8 tal-Kap. 448 huma fin-natura taghhom ordni ta' impediment jew inibizzjoni provvizorja qabel jew waqt li tkun qed tinstema azzjoni fil-mertu dwar allegat ksur ta' drittijiet intellettwali. F'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jikkontendi li hu l-awtur tax-xoghlijiet artistici konsistenti f'disinn u l-abbozz li minnu saret l-istatwa ta' Kristu Re kif ukoll disinn u abbozz ta' nicca li kienet maghmula ghall-istess statwa, kommissjonati mill-parrocca ta' Rahal Gdid kif approvati mill-awtoritajiet ekklessjastici. Jidher li ma hemmx kontestazzjoni fuq dawn il-fatti. Dan ifisser li a bazi tal-artikolu 3 tal-Kap. 488 ir-rikorrenti ghandu l-jedd prima facie li jipprotegi d-drittijiet morali intellettwali tieghu fuq l-istess statwa u nicca bhala xoghlijiet artistici. Prima facie ma jidhirx li hu kontestat li kemm l-istatwa u n-nicca huma xoghlijiet artistici ghax prodott tal-inventiva tal-artist. Ir-rikorrenti qed ifittex li

jipprotegi d-dritt morali tieghu fuq iz-zewg xoghlijiet artistici a bazi tal-artikolu 12(1) tal-Kap. 415. Id-dritt morali jikkonsisti fid-dritt ta' attribuzzjoni tax-xoghol mal-awtur tieghu u d-dritt ta' integrita tal-istess xoghol jekk tali xoghol jigi trattat b'mod illi jista' jnaqqas fir-reputazzjoni jew l-unur tal-awtur.

Il-Qorti taghmilha cara illi f'dan l-istadju ta' talbiet ta' mizuri protettivi mhix ser tidhol fil-mertu tal-kwistjoni u anqas fil-parametri tad-drittijiet morali tal-awtur meta meqjusa fl-isfond tad-drittijiet ukoll tas-sid jew utent tax-xoghol artistiku. Dak li jikkoncerna lil Qorti f'dan l-istadju hu jekk id-dritt morali tal-awtur, darba stabbilit in-ness bejn ix-xoghol artistiku u l-awtur tieghu fil-persuna tar-rikorrenti giex vjolat jew hemmx il-periklu tal-vjolazzjoni tad-dritt.

Il-Qorti gia esprimiet ruhha f'cirkostanzi differenti izda dejjem b'referenza ghal dawn l-artikoli ta' mizuri protettivi taht il-Kap. 488 illi tali mizuri huma forma ta' mandat ta' inibizzjoni b'poteri wesghin moghtija lil Qorti biex taghti kull ordni mehtieg fil-parametru tal-istess ligi. Bhala tali japplikaw il-principji applikabbli ghal mandat ta' inibizzjoni izda b'aktar diskrezzjoni afdata lil Qorti tenut kont tal-fatti specie tal-kaz. L-ewwel element li jrid jigi pruvat hu illi l-mizuri huma necessarji ghal dritt li gie jew x'aktarx ser jigi mittiefes.

Huwa fatt li ma jidhirx kontestat illi l-istatwa disinjata mir-rikorrenti ma ghadhiex l-istatwa titolari u tnehhiet minn nicca ghalkemm qabel gew istitwiti l-proceduri, liema nicca saret fuq disinn biex takkomoda l-istess statwa. Hu ragonevoli li jigi prezunt fuq bazi prima facie biss, kif del resto jargumenta r-rikorrenti illi l-artist cioe r-rikorrenti iddisinja nicca biex tikkomplimenta l-istatwa li hu stess kien iddisinja u ghalhekk dejjem fuq bazi prima facie, ir-rikorrenti jqis in-nicca bhala xoghol artistiku ancillari u kumplimentari ghall-istatwa u ghalhekk ghandhom jitqiesu quid unum fil-kuntest tal-protezzjoni mitluba.

L-intimati jistqarru illi ma ghandhom ebda intenzjoni jimmodifikaw in-nicca jew iddikjaraw li ser idahhlu l-istatwa l-gdida fiha. Pero jinsistu li ghandhom dritt jutilizzaw in-nicca ghal liema skop iridu, u li jispostawha ghal xoghlijiet ta' tisbih.

L-artikolu 12(1) tal-Kap. 415 jghid hekk

> Ebda persuna, inkluz ic-cessjonarju ta' drittijiet tal-awtur jew detentur tal-licenza bis-sahha taghhom, ma tkun tista' minghajr il-kunsens tal-awtur, timmutila, timmodifika, tghawweg jew tas-soggetta ghal xi azzjoni ohra ta' tmaqdir xi xoghol waqt il-perjodu tieghu ta' drittijiet tal-awtur b'mod detrimentali ghall-unur jew ghar-reputazzjoni tal-awtur.

L-artikolu 12 jitkellem fuq distorzjoni, mutilazzjoni modifika jew trattament derogatorju fuq ix-xoghol artistiku li hu pregudizjevoli ghal unur u reputazzjoni tal-awtur. F'dan l-istadju l-Qorti mhix ser tidhol in funditus fit-tifsir sostantiv ta' dan l-artikolu billi hu l-mertu ta' azzjoni futura ghalkemm konsapevoli dwar interpretazzjoni mhix dejjem omogenea ghall-istess artikolu kemm fost l-awturi barranin u gurisprudenza estera. Dak li jinteressa lil Qorti hu jekk f'dan l-istadju ta' allegazzjoni ta' ksur ta' dritt prima facie, id-dikjarazzjoni tal-intimati hix ta' solliev jew serhan tal-mohh ghar-rikorrenti jew il-Qorti u jekk fil-fatt id-dritt morali tal-awtur tax-xoghol artistiku hux ser jigi assoggettat ghal wiehed jew aktar mill-azzjonijiet previsti mill-artikolu 12(1) u dan bla ma jittiehed kont fil-mument jekk tali azzjoni fil-mertu hiex pregudizjevoli ghall-unur u reputazzjoni tal-awtur.

Il-Qorti tqis illi r-risposta tal-intimati mhix ezawrjenti bizzejjed ghas-serhan tal-mohh tal-Qorti. Il-Qorti per ezempju ma hiex konvinta li l-integrita tal-istatwa mhix ser tigi mittiefsa u dan billi gia tnehhiet minn nicca maghmula ghall-istallazzjoni u preservazzjoni taghha u ma ssemma xejn dwarha fir-risposta tal-intimati hlief asserzjoni generika li ser jottemperaw ruhhom mal-ligi. Fit-trattazzjoni irrizulta illi l-istatwa ttiehdet fl-oratorju tal-knisja u giet imnehhija minn fuq il-pedestall taghha. Ghalkemm hemm qbil illi l-pedestall kien wiehed antik gia appartenenti lil parrocca qabel saret l-istatwa, ir-rikorrenti jsostni illi l-istatwa saret biex tigi akkomodata ghal pedestall li kellha l-knisja. Fil-programm tal-festa tal-1999 esebit bhala Dok. BV2 a fol. 8 hemm artikolu li jikkonferma din is-sottomissjoni. Il-Qorti, fuq bazi prima facie wkoll tqis illi l-argument tal-intimati illi n-nicca tista' tintuza ghal skopijiet ohra oltre l-tqeghid tal-istatwa iddisinjata mir-rikorrenti wkoll jista' fuq bazi prima facie jikkostitwixxi azzjoni derogatorja li fil-fehma tal-awtur ikun ta' pregudizzju ghall-unur u reputazzjoni tieghu, dejjem jekk ghandu ragun fil-mertu li l-istatwa l-qadima u n-nicca ghandhom jitqiesu xoghol artistiku wiehed kumplimentari ghal kull komponent taghha u li l-uzu tan-nicca ghal skopijiet aljeni ghal dak originarjament intiz jista' jitqies bhala

trattament derogatorju, dejjem bil-caveat li l-kwistjoni fil-mertu trid tigi kunsidrata fid-dettal fil-proceduri appoziti. Izda f'dan il-kuntest tat-talbiet maghmula, il-Qorti tqis li prima facie r-rikorrenti ghandu jedd isostni li l-Qorti fic-cirkostanzi fattwali li rrizultaw sa issa ghandha tipprotegi l-istatus quo sakemm din is-sitwazzjoni anomala, singolari u fluida tipperdura u tinghata decizjoni fil-mertu jew ordni mod iehor, specjalment meta tqis li fi ftit jiem ohra ser tiddahhal statwa titulari gdida fil-knisja u s-sitwazzjoni tista' potenzjalment izda realistikament twassal ghal xi azzjoni precipituza, skonsiljata u bi pregudizzju irrimedjabbli ghar-rikorrenti. Ghalhekk il-Qorti tqis li d-dritt prima facie tar-rikorrent ghandu jigi protett u hu mehtieg li jigi salvagwardat f'dan l-istadju fl-istat li fih jinsabu bhalissa l-komponenti artistici li taghhom qed jintalab protezzjoni provvizorja.

Il-Qorti tifhem illi l-knisja jista' jkollha bzonn ta' spostament jew azzjoni ohra fin-nicca, fl-istatwa jew il-pedestall tal-istess ghal esigenzi tal-knisja pero tali bzonn jista' jigi akkordat b'digriet appozitu tal-Qorti skond l-esigenza mehtiega jew kunsens esplicitu tal-awtur sakemm il-mertu tal-allegazzjonijiet tal-vjolazzjoni tad-dritt intelletwali jigi rizolt fl-interita tieghu.

Il-Qorti taqbel ukoll mal-intimati li l-ewwel u l-ahhar talbiet huma generici wisq u l-Qorti ghandha tillimita ruhha biss ghall-ispecifiku ghalkemm kif inghad l-artikolu 6 u 8 tal-Kap. 488 jaghtu drittijiet lil Qorti li taghti dawk l-ordnijiet necessarji ghal preservazzjoni tad-dritt.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi ghandhom jigu milqugha t-talbiet tar-rikorrenti f'dan is-sens:

1. Illi l-intimati ma jaghmlu ebda modifiki jew alterazzjonijiet jew kwalsiasi azzjoni jew trattament ta' ebda tip la fuq l-istatwa ta' Kristu Re mertu ta' dawn il-proceduri, il-pedestall li fuqha kien jinsab u n-nicca li kienet titpogga fiha u illi ghandhom jibqghu jinzammu fil-binja tal-knisja parrokkjali sa kemm tinqata' l-pendenza jew jinghata ordni mod iehor mill-Qorti;

2. Illi ma jiddahhlu ebda statwi jew oggetti ohra huma x'inhuma fin-nicca jekk mhux b'ordni tal-Qorti jew bil-kunsens tar-rikorrenti.
Spejjez bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur